MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Avviz Numru. 414/2014

**CA Meat Trading Ltd (C-51048)**

**vs**

**Tenderfresh Food Processing Ltd (C 28216)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta’ attrici li gie pprezentat nhar id-19 ta’ Dicembru 2014 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallasha s-somma ta’ sebat elef, tlett mija u wiehed u erbghin ewro u sebgha u erbghin centezmu (€7,341.47), liema somma tirraprezenta prezz ta’ laham tat-tigieg mibjugh u kkonsenjat, li baqa’ ma giex imhallas.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru li qed jigi intavolat kontestwalment, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-bejgh sal-pagament effettiv kontra s-socjeta’ konvenuta li tibqa’ minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Semghet lix-xhud u cioe’ lil Edmond Azzopardi in rapprezentanza tas-socjeta’ konvenuta nhar it-18 ta’ Marzu 2015 jghid li huwa konxju tal-fatt li s-socjeta’ attrici hija kreditrici tas-socjeta’ konvenuta fl-ammont mitlub minnha fir-rikors promotur u cioe’ fl-ammonta ta’ sebat elef, tlett mija u wiehed u erbghin ewro u sebgha u erbghin centezmu (€7,341.47).

Ghaldaqstant in vista ta’ din l-istess ammissjoni ta’ Edmond Azzopardi, il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici ghandha tigi milqugha.

**Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda tilqa’ it-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallasha s-somma ta’ sebat elef, tlett mija u wiehed u erbghin ewro u sebgha u erbghin centezmu (€7,341.47) kif indikata fir-rikors promotur.**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru li gie intavolat kontestwalment mar-rikors promotur u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-bejgh sal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------